Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TIELET LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 30 t'April 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI (Skuzat) |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO (Imsiefer) |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Seduta giet mmexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku. Is-Sinjuri Spiteri, Messina Ferrante u Azzopardi gew skuzati minhabba x-*short notice* ta' din il-laqgha li l-Agenda taghha harget fit-3.30pm tal-lum u minhabba mpenji ohra. Is-Sur Remigio Bartolo jinsab imsiefer u s-Segretarju Ezekuttiv gie nfurmat b'dan nhar il-Gimgha, 20 ta' April 2012.

Il-laqgha bdiet billi s-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li fls-16 ta' April baghtet lill-Accountant prezenti l-aggustamenti ghall-Financial Statements. Fl-24 t'April Grant Thorton baghtu reminder li kienu ghadhom ma rcevew xejn. L-ghada stess hi baghtet reminder lill-Accountant u minn dakinhar irceviet lura il-Financial Statements il-Gimgha, 27 t'April fil-17.22. Hi baghtet kollox dalghodu stess lil Grant Thornton u tard wara nofsinhar irceviet risposta li kollox kien sew u li riedu jigu approvati malajr waqt seduta tal-Kunsill.

1. **APPROVAZZJONI TA'FINANCIAL STATEMENTS.**
   Il-Financial Statements gew approvati wara diskussjoni fuq l-izbilanc u ghaliex dan tela' daqshekk minn l-ahhar unaudited financial statements. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kellha tinqala is-somma ta' 36,728 Euro minn taht il-fondi ga kapitalizzati u dan minhabba li l-progett ta' Gnien Hal Warda ghal fini ta' auditing sa Jannar kien ghadu mhux finalizzat. Ghaldaqstant, is-somma li nharget f'Novembru bhala hlas ghal dan il-progett tefghet lil Kunsill f'deficit finanzjaru. Kien hawnhekk li s-Sur John P Bonnici talab spjegazzjoni fuq il-kwistjoni tal-valur tal-profido fit-tender originali. L-istess haga talab is-Sur Gerald Borg fejn talab kemm dan kien ser jigi jiswa. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi ga ppreparat id-dokumentazzjoni kollha, pero kienet ha tressaqha fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. F'dan il-waqt , hi qamet u marret iggib id-dokumentazzjoni mill-ufficcju. Spjegat li fit-tenders originali, mitfugha minn tlieta, cioe, Rite Mix, Asphaltar u Central Asphalt, kienu biss Central Asphalt li kkwotaw il-prezz ghall-porfido tajjeb hekk kif kienet ingibdet l-attenzjoni mill-Kuntrattur ta' Rite Mix qabel ma ghalqu t-tenders li l-ammont tal-porfido kien zbaljat (item 3.01). Pero gara li l-istess kuntrattur li gibed l-attenzjoni lil-Periti li l-ammont tat-tender kien skorrett, xorta kkwota l-ammont hazin fit-tender. Meta din it-tender giet ghall-aggudikazzjoni fid-9 t'Ottubru 2008, is-Segretarju Ezekuttiv resqet dawn it-tender ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill f'dan il-waqt iddiskuta biss l-offerti minghajr konjizzjoni li l-ammonti tal-porfido fit-tender ta' RiteMix u Asphaltar kienu

skorretti. Madanakollu, anki jekk il-prezz tal-porfido kellu jkun tajjeb, RiteMix xorta kienu ha jibqaw l-irhas offerenti bl-iktar tender gholja, f'dan il-kaz tkun ta' Asphaltar Construction. Zewg zbalji ohra li saru kienu: li d-dokument tat-tender ma gewx evalwati minn Perit wara li ghalqu t-tenders imma wiehed hares biss lejn l-irhas offerta, u li meta mtliet l-applikazzjoni tal-UIF, l-istess Periti reggghu mlew l-applikazzjoni bl-ammont tal-porfido kif kien qabel u mhux ikkoregut. Ghaldaqstant kompla s-Sur Cordina, din hija sikkina taqta' minn zewg nahat. Gie deciz li jittiehed parir legali u minn hemm il-Kunsill jara jekk hemmx lok li kif qal gustament is-Sur Cassar, il-Perit ma jithallas jew ghall-inqas, ma jithallas l-ammont kollu dovut lilu. Din Il-laqgha giet iffissata mal-avukat ghat-2 ta' Mejju fit-8.00pm.

## 2. TENDER APPUNTAR TA' ACCOUNTANT

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni zewg tenders mitfugha ghall-appuntar ta' Accountant gdid:
3A Accountants Euro 5750
Darmanin Cauci and Co Euro 10,080.

Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, din it-tender giet moghtija lill-3A Accountants li kienet l-irhas offerta mitfugha.

## 3. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghas-14 ta' Mejju fis-6pm.

________________________ ____________________

Sindku Data